



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 79/26

Il-Lussemburgu, 4 ta' Ġunju 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-147/24 | [Safi] <sup>1</sup>

### **Omm wild minuri li jkun ċittadin tal-Unjoni tista' tibbenefika minn dritt ta' residenza dderivat fl-Istat Membru fejn tirisjedi ma' binha u li tiegħu dan il-wild għandu n-nazzjonalità, anki jekk hija diġà għandha dritt ta' residenza fi Stat Membru ieħor**

Omm Marokkina tirisjedi fil-Pajjiżi I-Baxxi mal-konjuġi tagħha, ta' nazzjonalità Olandiża u Marokkina, u ma' binhom minuri, ta' nazzjonalità Olandiża. L-omm tixtieq tikseb dritt ta' residenza dderivat fil-Pajjiżi I-Baxxi sabiex tkompli tgħix ma' binha, li huwa ċittadin tal-Unjoni. L-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda minħabba li hija diġà għandha dritt ta' residenza fi Spanja u minħabba li l-wild minuri tagħha jista' jakkumpanjaha lejn dan l-Istat Membru. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza l-importanza tar-rispett tal-ħajja tal-familja li dan il-wild għandu maż-żewġ ġenituri tiegħu, li fuqhom huwa dipendenti, fil-Pajjiżi I-Baxxi. Fil-fatt, jeżisti riskju konkret li l-wild jiġi sseparat minn missieru jekk dan il-missier ma jiksibx id-dritt ta' residenza fi Spanja. Jekk dan ikun il-każ, id-dritt ta' residenza dderivat fil-Pajjiżi I-Baxxi għandu jingħata lill-omm. Barra minn hekk, tali dritt għandu jingħatalha wkoll jekk jiġi kkonstatat li t-tneħħija lejn Spanja tmur kontra l-aħjar interessi tal-wild.

V, li għandha nazzjonalità Marokkina, kienet tirisjedi u taħdem legalment fi Spanja mill-1999 sal-2014. Miż-żwieġ tagħha fl-2014, hija tirisjedi fil-Pajjiżi I-Baxxi mal-konjuġi tagħha, li tweled hemmhekk u li għandu nazzjonalità Olandiża kif ukoll dik Marokkina. Iż-żwieġ tagħhom kien ġie rreġistrat fir-reġistri tal-istat ċivili tal-komun Olandiż li fih jirrisjedu. Madankollu, V ma għandhiex permess ta' residenza fit-territorju Olandiż. Fl-2015 tweled binhom li għandu nazzjonalità Olandiża u li l-konjuġi jieħdu ħsiebu flimkien. Il-konjuġi ta' V ma jirċievi l-ebda dħul professjonali minħabba l-istat ta' saħħa tiegħu u, minħabba f'hekk, huwa parzjalment eżentat mill-obbligu li jaħdem. Min-naħa l-oħra, huwa jibbenefika minn benefiċċji ta' għajjnuna soċjali.

Fl-2020, V ippreżentat applikazzjoni għall-kisba ta' dritt ta' residenza dderivat fil-Pajjiżi I-Baxxi. Fl-2021, l-awtoritajiet Olandiżi ċaħdu l-applikazzjoni tagħha, billi qiesu li hija kellha d-dritt ta' residenza fi Spanja. Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet ordnawha tmur immedjatament lejn Spanja u għalhekk titlaq mit-territorju Olandiż. Għalhekk, V adixxiet lill-Qorti Distrettwali ta' Den Haag (il-Pajjiżi I-Baxxi), li kkonstatat li teżisti relazzjoni ta' dipendenza bejn V u l-wild minuri tagħha, li huwa ċittadin tal-Unjoni, u li ddeċidiet li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabel kollox li, fl-ipoteżi fejn V ma jkunx għad għandha dritt ta' residenza fi Spanja, l-awtoritajiet Olandiżi jkunu obbligati jagħtuha d-dritt ta' residenza dderivat fil-Pajjiżi I-Baxxi, minħabba din ir-relazzjoni ta' dipendenza. Fil-fatt, kieku tali dritt ta' residenza ġie rrifjutat lil V, il-wild minuri tagħha, li huwa ċittadin tal-Unjoni, ikun imġiegħel jakkumpanja lil ommu u jitlaq mit-territorju tal-Unjoni. Tali tluq iċaħħad lil dan il-wild mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet tiegħu bħala ċittadin tal-Unjoni.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, fil-każ li V għad għandha d-dritt ta' residenza fi Spanja, dan il-fatt ma jkunx jista', waħdu, jeskludi l-possibbiltà għal V li tibbenefika minn dritt ta' residenza dderivat fil-Pajjiżi I-Baxxi. Fil-fatt, fil-każ ta' rifjut ta' tali dritt ta' residenza lil V, il-wild tagħha mbagħad ikun imġiegħel jakkumpanja lil ommu lejn Spanja u għalhekk jitlaq mill-Pajjiżi I-Baxxi, l-Istat Membru ta' residenza tiegħu li tiegħu huwa ċittadin, li jista' jippreġudika wħud

mid-drittijiet fundamentali tiegħu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza l-importanza tar-rispett tal-ħajja tal-familja li dan il-wild attwalment għandu maż-żewġ ġenituri tiegħu, li fuqhom huwa dipendenti, fil-Pajjiżi I-Baxxi. Fil-fatt, jeżisti riskju konkret li din il-ħajja tal-familja ma tkunx tista' tkompli fi Spanja u li l-wild jiġi sseparat minn missieru jekk dan il-missier ma jiksibx id-dritt ta' residenza fit-tul hemmhekk. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u bla ħsara għal verifika mill-qorti Olandiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li V għandha tingħata d-dritt ta' residenza dderivat fil-Pajjiżi I-Baxxi, peress li r-rifjut li tingħatalha tali dritt jippreġudika l-unità tal-familja u jċaħħad lil dan il-wild mill-possibbiltà li minnha huwa ilu jibbenefika, sa mit-twelid tiegħu, li jkollu regolarment relazzjonijiet personali u kuntatti regolari maż-żewġ ġenituri tiegħu.

Il-qorti Olandiża għandha tivverifika wkoll jekk it-tneħħija sfurzata tal-wild lejn Spanja tmurx kontra l-aħjar interessi tiegħu. F'dan il-każ, il-wild ma jtkellimx bl-Ispanjol, iżda bl-Olandiż. Barra minn hekk, huwa beda jtkellem biss fl-età ta' ħames snin u għandu diffikultajiet ta' lingwa u ta' espressjoni li wassluh sabiex isegwi tagħlim speċjalizzat fil-Pajjiżi I-Baxxi intiż għall-istudenti li għandhom bżonn appoġġ speċifiku. Fil-każ li dik il-qorti tikkonstata li tali tneħħija lejn Spanja tmur kontra l-aħjar interessi tal-wild, V għandha tingħata d-dritt ta' residenza dderivat fil-Pajjiżi I-Baxxi wkoll għal din ir-raġuni.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax it-tilwima fil-proċedura nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.